MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 26/2011

**Angelo Attard (ID 511854 M) u martu
Doris Attard (ID 223456 M)**

**vs**

**Adrian Borg (ID 52576 M) u
Marco Hammett (ID 283069 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qeghdin jitolbu r-rifuzjoni ta' l-ammont ta' elfejn u hamsin ewro (€2,050.00) illi thallas minnhom lill-konvenuti minhabba ordni ta' l-atturi biex jigi ezegwit xoghol ta' purtieri mill-istess konvenuti, liema xoghol ma giex ezegwit skond l-arti u sengha u kif kien gie pattwit; bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra interpellatorja, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti, li permezz taghha eccepew; (1) illi t-talbiet ghandhom jigu michuda stante li x-xoghol sar skond is-sengha u l-arti u inoltre l-atturi ghandhom

ihallsu aktar flus lill-eccipjenti tax-xogholijiet li ghamel; (2) illi kwantu ghall-konvenut Mario Hammett dana ma ghandu ebda relazzjoni guridika mal-atturi u huwa biss impjegat tal-konvenut Adrian Borg; (3) salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Ra l-kontrotalba tal-konvenuti rikonvenjenti, li permezz taghha talbu lill-atturi jhallsu lill-konvenut Adrian Borg is-somma ta’ sitt mitt ewro (€600.00) bilanc u parti minn somma akbar prezz ta’ xoghol ta’ purtieri.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-atturi rikonvenuti, li permezz taghha eccepew illi t-talba ta’ Adrian Borg u Marco Hammett hija kontestata kif jidher skond ir-ragunijiet migjuba hawn fuq.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ra l-verbali tas-seduti li nzammu quddiem dan it-Tribunal b’effett mill-11 ta’ Frar, 2013 ‘l quddiem, li permezz taghhom gie dikjarat illi kienet tezisti l-possibilita’ illi l-partijiet jaslu ghal transazzjoni.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni li giet ipprezentata mill-atturi fis-seduta tal-25 ta’ Ottubru, 2013, li permezz taghha l-atturi rriducew it-talba taghhom bl-ammont ta’ elf u mitt ewro (€1,100.00) li thallsu fil-mori tad-differiment.

Ra l-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Ottubru, 2013, fejn l-atturi nsistew illi l-kawza tithalla ghas-sentenza, u dan fid-dawl ta’ dak li gie verbalizzat fis-seduta tas-27 ta’ Settembru, 2013.  Ra li t-Tribunal laqa’ t-talba tal-atturi, u halla l-kawza ghas-sentenza.

Ikkunsidra,

Illi l-atturi ddikjaraw illi huma nkarigaw is-servizzi ta' interior designer, certu Andrew Azzopardi, sabiex jassistihom fl-ghazla ta' purtieri li kienu jehtiegu ghad-dar taghhom. Illi effettivament kien dan Andrew Azzopardi illi hadhom fl-istabbiliment gestit mill-konvenuti, maghruf bl-isem "Mystic Interiors", u l-attrici ghazlet id-drapp, u l-konvenuti kellhom jahdmu l-purtieri mehtiega, oltre wkoll illi kellhom jahdmu bedspread ghas-sodda ta' bint l-atturi. Illi mal-ordni, l-atturi wettqu l-hlas tas-somma ta' tmien mija u hamsin ewro (€850.00) in linea ta' depozitu akkont tal-prezz finali ammontanti ghal elfejn sitt mija u hamsin ewro (€2,650.00). Illi dawn il-purtieri nhadmu, u l-konvenuti marru fir-residenza tal-attrici sabiex idendluhom. Illi l-attrici nnotat xi nuqqasijiet fix-xoghol li kien gie mwettaq mill-konvenuti, u hi nsistiet maghhom li jirrimedjawhom. Illi ghalhekk huma hadu lura maghhom dawk il-purtieri li kien jehtieg li jsir xi xoghol fuqhom.

Illi xi ftit taz-zmien wara, il-konvenuti avvicinaw lill-atturi sabiex jiftehmu dwar gurnata meta setghu jerghhu jmorru fir-residenza tal-atturi sabiex idendlu l-imsemmija purtieri. Illi l-atturi bdew jinsistu mal-konvenuti illi xtaqu illi meta dan isir, jkun hemm prezenti wkoll l-interior designer, Andrew Azzopardi; izda l-konvenuti ma qablux ma' din ir-rikjesta, u nsistew mal-atturi illi jmorru minnufih fir-residenza taghhom sabiex jiddendlu dawn il-purtieri. Illi hekk gara, u waqt illi kien qed isehh dan il-process, l-atturi reghhu nnotaw xi difetti fil-hjata tal-purtieri; illi peress illi ma kienux sodisfatti bix-xoghol li kien sar mill-konvenuti, l-atturi ma kienux disposti li jhallsu l-bilanc dovut lill-konvenuti. Illi minhabba f'hekk inqala' argument bejn il-partijier, u wiehed mill-konvenuti, Marco Hammett, beda jaqla' wahda minn kull set ta' purtieri illi kienu dendlu fir-residenza tal-atturi sabiex jehduhom maghhom. Illi l-konvenuti baqghu jinsistu mal-atturi li kien dovut il-hlas tal-bilanc, u l-atturi wettqu pagament permezz ta' cheque fl-ammont ta' elf u mitejn ewro (€1,200.00) datat 14 ta' Lulju, 2009 indirizzat lill-konvenut Marco Hammett.

Illi eventwalment mar l-interior designer Andrew Azzopardi sabiex jara x-xoghol li kien gie kkonsenjat mill-konvenuti, u sabiex jara dwar l-ilmenti li kellha l-attrici dwar il-purtieri

li kienu gew ikkonsenjati; f'dik l-okkazjoni kien hemm prezenti wkoll hajjata, li ghalkemm dan ix-xhud ma setax jiftakar x'jisimha, xehdet f'dawn il-proceduri, certa Marthese Zerafa. Illi din tal-ahhar iddikjarat illi effettivament kien hemm xi nuqqasijiet fix-xoghol ta' hjata tal-purtieri. L-interior designer inizzjalment iddikjara mal-atturi illi kien ser javvicina lill-konvenuti sabiex jara jekk dawn setghux jirrimedjaw ulterjorment ghan-nuqqasijiet ilmentati, izda eventwalment informa lill-attrici illi ma kienx ser ikun probabbli illi jintlahaq ftehim mal-konvenuti.

Illi da parti taghhom il-konvenuti ddikjaraw illi huma hadu lura uhud mill-purtieri li kienu dendlu fir-residenza tal-atturi ghaliex l-attrici ma kienitx disposta li thallas il-bilanc kollu li kien ghadu dovut, u li l-ammont li kienet qed thallas kienet qed twettqu ghas-saldu tal-pretensjonijiet tal-konvenuti, li ma kienx accettabbli ghall-istess konvenut. Illi da parti tieghu, il-konvenut Marco Hammett iddikjara illi hu impjegat mal-konvenut l-iehor Adrian Borg, u spjega illi c-cheque fl-ammont ta' elf u mitejn ewro (€1,200.00) inhareg f'ismu ghaliex kienu dovuti lilu xi arretrati ta' pagi, u bi qbil mal-konvenut l-iehor Borg, dan ic-cheque inhareg f'ismu sabiex jithallsu tali arretrati.

Ikkunsidra,

Illi ghalkemm il-partijiet ma ezawrewx il-provi taghhom, huma nformaw lit-Tribunal illi kienu ghaddejjin bi trattattivi sabiex possibilment jaslu ghal ftehim bejniethom.

Illi sussegwentement l-atturi pprezentaw nota ta' riduzzjoni fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru, 2013, u talbu illi tinghata sentenza fil-konfront tal-konvenuti ghall-ammont bilancjali.

Illi t-Tribunal ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi fil-konfront taz-zewg konvenuti u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghalih; illi ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr miz-zewg konvenuti.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, kif ukoll jichad il-kontrotalba

mressqa mill-istess konvenuti rikonvenjenti, qed jilqa’ t-talba tal-atturi u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ disa’ mija u hamsin ewro (€950.00), bl-imghax mid-data tal-prezenti.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------